MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Talba Numru. 127/2012

**Tony u b’digriet tat-30 ta’ Marzu, 2012 l-isem ta’ l-attur gie sostitwit bl-isem Anthony Mangion [I.D. 531548M]**

**Vs**

**Network Publications Limited [C-21054]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-attur fit-22 ta’ Frar, 2012 li permezz tieghu l-attur ippremmetta hekk:

“Illi, l-attur Tony Mangion huwa fotografu professjonali filwaqt lis-socjeta konvenuta Network Publications hija dar tal-pubblikazzjoni. Is-socjeta konvenuta riedet tippubblika ktieb kommemorattiv bl-isem “Sunday Circle Commemorative Book 2011” li kellu jikkontjeni diversi ritratti ta’ personaggi differenti ffotografati minn numru ta’ fotografi diversi.

Illi, ghalhekk is-socjeta konvenuta dahlet fi ftehim mal-attur Tony Mangion biex tippubblika xi ritratti maghzulin minnha li kienu gew mehuda mill-attur, u dan taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:

1. Li l-fotografu jaghti permess esplicitu ghal pubblikazzjoni tar-ritratt/i in kwistjoni u jibqa dejjem l-awtur tal-fotografu u jibqa dejjem izomm id-drittijiet ta' pubblikazzjoni ghalih; u

2. Network Publications tikkreditah ghar-ritratt uzat fil-pubblikazzjoni u tippubblika bijografija zghira dwar il-fotografu; u

3. Li ghal pubblikazzjoni, taht il-kundizzjonijiet msemmija, ma jkunx hemm kumpens;

Illi, kopja ta' dan il-ftehim u l-iskambju ta' emails bejn Natalie Vella, ghas-socjeta konvenuta u l-attur Tony Mangion qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. TM1;

Illi, sussegwentement il-pubblikazzjoni tal-ktieb Sunday Circle Commemorative Book 2011 sehh u gew ppubblikati r-ritratti kif miftiehma (Fra John Cretin, pagna tal-ktieb);

Illi, izda l-pubblikazzjoni kienet tikkontjeni ritratti ohra li kienu xoghol tal-attur Tony Mangion, li gew ppubblikati minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu u li ma gewx kreditati lilu, izda gew attribwiti u kreditati lill-persuni ohra li ma kienux huma li hadu r-ritratti in kwistjoni;

Illi, ta' dan Tony Mangion qieghed is-socjeta Network Publications in mora permezz ta' ittra legali ddatata 31 ta' Jannar 2012, kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok TM2;

Illi, l-attur Tony Mangion qieghed jippretendi kumpens ghad-danni minnu subiti u, inoltre, li jigi kkreditat ghax-xoghol minnu esegwit u li tieghu huwa l-proprjetarju;

Illi, peress li s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti kellha tittiehed din il-procedura sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-attur".

Ra li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bit-talba u l-Avviz tas-smiegh tas-seduta nhar l-1 ta' Marzu, 2012 izda minkejja dan hija baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 deher biss l-attur u s-socjeta konvenuta naqset li tidher.

Ra l-verbal tat-30 ta' Marzu, 2012 u li permezz tieghu d-difensur tal-attur talab li isem l-attur u cioe l-isem "Tony" jigi jaqra "Anthony". It-Tribunal laqa' din it-talba. Ra ukoll li skond l-istess verbal l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti, x-xhieda moghtija u sema' t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

Illi mill-unika xhieda mressqa u cioe dik ta' l-attur jirrizulta s-segwenti:

i. L-attur huwa *professional photographer*;

ii. Huwa kellu xi ritratti pubblikati fuq pubblikazzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

iii. Permezz ta' *e-mail* datata 11 ta' Novembru, 2011, Natalie Vella, amministratur tas-socjeta konvenuta, talbet lill-attur permess sabiex jirriproducu xi ritratti tieghu. Skond l-imsemmija *e-mail* "*all photos will be credited and will be used one time only. Copyright of the photos remains with you, asx the photographer*" (fol. 6).

iv. Dwar hlasijiet l-imsemmija socjeta konvenuta, fl-*e-mail* taghha hawn imsemmija tghid "*We are not, at this stage, in a position to offer monetary compensation to any photographer whose works will appear in the publication. We would, however, like to feature a short biographical note + photo of each of the contributing photographers. Once it is published, you will also receive a complimentary copy of the publication*" (fol. 6).

v. Ir-ritratt li s-socjeta konvenuta riedet tippubblika fil-pubblikazzjoni taghha permezz kellu jkun ta' Fra John Critien mehud mill-attur fl-2010. Dan gie kkonfermat mill-imsemmija Natalie Vella fl-*e-mail* taghha datata 18 ta' Novembru, 2011.

vi. Sussegwentement meta l-attur mar jigbor kopja tal-pubblikazzjoni, huwa skopra "*zewg ritratti ohra li ghandhom il-copyright tieghi u li ntuzaw minghajr il-permess tieghi*". Dawn iz-zewg ritratti – li jirrafiguraw lill-Father Marius Zerafa – gew akkreditati lill-haddiehor u cioe lil Joe Borg u lil Mark Scicluna.

vii. Meta l-attur informa lis-socjeta konvenuta b'dan in-nuqqas, l-attur ighid li r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta infurmawh li "*...huma kienu ilhom qeghdin juzaw ir-ritratti sa mill-2004 u allura kien ghandhom jiskantaw kif jiena issa qajjimt dan il-punt u mhux dakinhar*" (fol. 15). Dwar dan il-punt, l-attur ighid li huwa ma kienx jaf b'dan il-fatt l-ghaliex kieku kien ighidilhom mal-ewwel.

viii. L-attur ighid li huwa hass li s-socjeta konvenuta ghamlet reklam bix-xoghol tieghu favur il-kompetituri tieghu. Jghid li hafna nies bdew jahsbu li huwa kien ha dawn ir-ritratti, li bihom rebah diversi premjijiet, minghand dawn il-fotografi li lihom gew akkreditati r-ritratti ta' Father Marius Zerafa. Dawn ir-ritratti kien harighom l-attur fi ktieb

ippubblikat minnu bl-isem ta' *The Maltese, a collection of portraits and biographies*.

ix. Ghar-rigward tad-danni subiti, l-attur ighid li "*ghal kull ritratt ghaxar pulzier bi tmien pulzieri jiena kont inzomm bejn wiehed u iehor ghaxar ewro nkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud. Huma ppubblikaw sitt elef minn dawn ir-ritratti tieghi u allura ghalhekk qieghed nitlob il-kumpens ta' tlett elef erbgha mija disgha u erbghin ewro u sitt centezmi tal-ewro. F'dan l-ammont hemm ukoll l-ammont ta' xoghol illi jiena tlift pero' fir-rigward ta' dan tal-ahhar persentagg zghir hafna*" (fol. 15).

Ikkunsidra ulterjorment;

1. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob id-danni minghand is-socjeta konvenuta talli hija uzat zewg ritratti tieghu minghajr permess. Fid-danni li qieghed jitlob hemm ukoll danni ghal telf ta' xoghol li huwa isubixxa minhabba dan il-ksur ta' drittijiet ta' l-awtur.

2. L-attur ighid ukoll li s-socjeta konvenuta ppubblikat sitt elef minn dawn ir-ritratti u li huwa generalment jiehu ghaxar ewro (eskluz il-VAT) ghal kull ritratt bhal dan. Il-kumpens mitlub b'dawn il-proceduri huwa ta' tlett elef erbgha mija disgha u erbghin ewro u sitt centezmi tal-ewro (€3,494.06).

3. Illi t-Tribunal, jaqbel ma dak sottomess mill-attur u cioe li s-socjeta konvenuta uzat xoghol u cioe ritratti bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur tieghu. Dan il-fatt ma huwiex kontestat. L-uniku punt li jghid l-attur li qanqlet is-socjeta konvenuta meta huwa kien avvicinah biex ighidilha li hija kienet qeghda tuza dawn ir-ritratti bi ksur tad-drittijiet tieghu kien li hija kienet diga ppubblikat dawn ir-ritratti fl-2004 u li dak-in-nhar, l-attur ma kien qajjem l-ebda oggezzjoni. Dwar dan il-punt, l-attur ighid li huwa ma kienx jaf b'din il-pubblikazzjoni ta' l-2004 u li kien biss dan l-

ahhar, u wara li infurmatu b'dan il-fatt l-istess socjeta konvenuta, li huwa irrejalizza dan il-fatt. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx lill-attur meta jghid li huwa ma kienx jaf li dawn ir-ritratti kienu gew pubblikati precedentement u ghalhekk qajla jaghmel sens l-argument tas-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward.

4. Ghar-rigward tad-danni sofferti, l-attur ighid li d-daqs tar-ritratt pubblikat fil-ktieb tas-socjeta konvenuta jinbiegh minnu ghal prezz ta' ghaxar euro il-wiehed (eskluz il-VAT). Minn dawn ir-ritratti gew pubblikati sitt elef (6,000). Dan ifisser li skond l-attur huwa haqqu sittin elf euro (€60,000) eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud. Issa l-attur ma huwiex jitlob dan l-ahhar ammont izda l-ammont ta' €3,494.06. It-Tribunal huwa sodisfatt li dan l-ammont huwa wiehed gust u ekwu. F'kull kaz, is-socjeta konvenuta qatt ma resqet xi prova kuntrarja f'dan ir-rigward, anzi proprjament lanqas biss ippartecipat f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erbgha mija disgha u erbghin ewro u sitt centezmi tal-ewro (€3,494.06) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------